**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 60 / 2014

Il-Laqgha Nru 60/2014 tat-Tieni Amministrazzjoni saret
l-Erbgha 28 ta' Mejju, 2015 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kumitat Regjonali Xlokk
f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| **Prezenti *ghal*-laqgha:** | **Attendenza:** |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President |
| Is-Sur Christian Micallef | Vici Sindku Valletta |
| Is-Sur Lorry Attard | Kunsillier, Birgu |
| Is-Sinj. Alison Zerafa Civelli | Sindku Bormla |
| Is-Sur Joseph Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Ivban Hallett | Vici Sindku Floriana |
| Is-Sinj. Speranza Chircop | Sindku Kalkara |
| Is-Sur Lawrence Ciantar | Kunsillier Marsascala |
| Is-Sur Horace Gauci | Sindku Marsaxlokk |
| | |
| Is-Sinj. Joan Mangion | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati:**
Is-Sur Anthony Valvo – Sindku Xghajra

Assenti :
Kunsill Isla
Kunsill Zabbar
Kunsill Fgura
Kunsill Marsa
Kunsill Paola

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha fis-6.30pm.

## 1.1 Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 59/2014 mizmuma fid-23 ta' April, 2015 kienu gew iċċirkolati minn qabel, u għalhekk il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija, u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv. L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata u giet iffimata wkoll minn zewg membri tal-Kumitat.

## 2.1 Arising mill-minuti

2.1.1 Is-Sur Joseph Attard, Sindku taz-Zejtun spjega li il-ftehim dwar il-kera tat-tribunal kien sar waqt laqgha tal-kumitat kongunt fl-2005. Waqt din il-laqgha kien hemm diskussjoni jekk ir-rata mhallsa ghandiex tkun wahda fissa irrispetivament minn numru ta' seduti mizmuma jew inkella kellhiex tkun tvarja skond in-numru ta seduti mizmuma. Kien hemm qbil unanimu li tithallas rata fissa fix-xahar. Din ir-rata tinkludi wkoll l-ispejjez tad-dawl u l-ilma. Is-Sindlu taz-Zejtun, Is-Sur Attard, kien spjega li jekk ir-rata ma tkunx ffissa imma skond in-numru ta' seduti, l-ispiza mensili kienet tkun ferm ikbar.

2.1.2 Il-President spega li ir-Regjun kien sejjer fid-direzzjoni it-tajba u wara l-ittri li inhargu mir-Regjun dwar citazzjonijiet li inghataw fis-snin 2011, 2012 u 2013, ir-revenue tar-Regjun kien qed jizdied. Is-Sur Attard, Sindku taz-Zejtun, qal li kienu qed jinhargu hafna citazzjonijiet bl-addocc. Il-President talab li fejn ikun hemm ilmenti bhal dawn jinbaghtu bil-miktub lir-Regjun biex tkun tista ssir verifika u titiehed azzjoni jekk jinstab li ikun sar abbuz. Is-Sindku taz-Zejtun talab spjega fuq liema citazzjonijiet kienu inhargu l-ittri. Il-President spjega li l-ittri ikopru ic-citazzjonijiet kollha li jinhargu mill-pulizija, wardens, ufficjali tat-TM u citazzjonijet relatati ma nuqqas ta' attendenza mit-tfal tal-iskola. Huwa kompla jispjega li fejn kien hemm kazijet socjali kienu qed isiru agreements fejn il-pagamenti kienu isiru b'installments kull xahar. Fejn dawn l-agreements ma kienux jigu onorati kienet qed tittiehed azzjoni. Is-Sindku taz-Zejtun saqsa fuq ic-citazzjonijiet li kienu moghtija qabel ma twaqqfu ir-regjuni. Gie maqbul b'mod unanimu li f'dawn il-kazijiet ghandha tittiehed decizjoni waqt il-laqgha tal-kunsill fejn tkun inghatat ic-citazzjoni.

2.1.3 Il-Predient spjega li ir-regjun kien qed jahdem ma Dr Malcolm Borg biex jiddentifika fondi ewropew li jkun jista japplika ghalihom b'mod regjonali ghal progetti li imbaghad isiru fil-lokalitajiet li jaghmlu parti mir-Regjun. Huwa kompla li is-Sindku tal-Kalkara kienet qed tahdem mar-Regjun biex jinkisbu fondi kemm mill-Unjoni Ewropea kif wkoll mill-gvern centrali ghal-progett ta' tisbieh li hija xtaqet taghmel fil-promenade tal-lokalita taghha. Il-president gie mitlub mill-membri presenti biex issir laqgha ta

informazzjoni ma Dr M Borg dwar il-fondi accessibli ghal-kunsilli lokali. Il-President kompla jispjega li wara l-inizzjattivi tar-Regjun biex jidhol fi progetti tal-Unjoni Ewropeja, is-Segretarjat tal-Gvern Lokali kien qed iharreg EU officer ghal kull regjun.

2.1.4 Il-President spjega li kienu qed isiru diskussjonijiet mal-IPSL biex ir-regjuni ikollhom numru ta' haddiema assenjati maghhhom biex dawn ikunu jistghu jaghmlu xogholijiet fil-lokalitajiet taghhom. Is-Sindku taz-Zejtun spjega li filwaqt li hu ma kienx kuntrarju li ir-regjun jiddiversifika ir-rwol tieghu huwa ma kienx jaqbel li ir-regjun jidhol fuq il-kunsilli. Huwa zied li iz-Zejtun originarjament kellu 3 impjegati tal-IPSL, issa wiehed kien irtira, wiehed miet u issa baqa b'impjegat wiehed biss. Huwa kompla li filwaqt li qabel kien hemm accenn fuq dicentralizzazzjoni issa donnu ser nergghu lura ghac-centralizzazjoni. Is-Sur Lawrence Cutajar, kunsillier Marsascala, qal li jekk ikomplu jonqsu l-impjegati tal-IPSL il-kunsill ma kienx ikollu biex jahdem. Il-President spjega li l-ETC thaddem mumru ta' skemi fejn persuni li jirregistrataw setghu jintbaghtu jaghmlu numru ta' sieghat mal-Kunsilli Lokali fl'iskema ta' xoghol komunitarju. Huwa heggeg lill dawk prezenti biex jaghmlu uzu minn dawn l-iskemi. Il-President ghamel ukoll accenn ghall-iskema imhaddma mill ministeru tat-Transport u Infrasstruttura fejn il-kunsilli jiprovdu il-materjal u jhallas biss ghal 30% fil-mija tal-ispejjez tal-manpower, liema haddiema kienu jigu provduti mill-Ministeru. Il-President spjega wkoll li ir-regjun kien se jkun qed jitlob li jinghata ir-responsabbilita tal-link roads bejn il-lokalitajiet.

2.1.5 Is-Sindku ta' Marsaxlokk talab li ikun hemm prezenza ta' Eco Wardens pajzana nhar ta' hadd fuq il-monti. Il-President talbu biex jaghmel it-talba tieghu bil-miktub halli jkunu jistghu isiru l-arrangamenti necessarji.

2.1.6 Is-Sur Lawrence Ciantar saqsa x'kienet ir-reazzjoni tal-kumpanija tal-auhorised officers wara li kienu gew innotifikati bit-tmiem tas-servizz taghhom. Il-President spjega li ir-Regjun kien sab koperazzjoni shiha mill-kumpanija. Is-Sur Lorry Attard saqsa jekk kienx se jithallas in-notice period lill-kumpanija peress li l-kuntratt kien skadut. Il-Pesident wiegeb li kien se jithallas notice period kif kien miftiehem fil-laqgha pecedenti .

2.1.7 Il-President spjega li il-kumpanija Sterling Services kienet fethet kawza ghal-ammont ta' Euros 136,000. Huwa kompla li dan l-ammont ma kienx dovut minhabba li dawn kienu sieghat mhux mahduma. Il-President kompla jispjega li peress li l-avukat Dr Joe Mifsud kien lahaq Magistrat, il-kaz kien qed jitkompla minn Dr Mario Mifsud. Il-kawza kif miftuha kienet giljottina fejn it-talba tkun li tittiehed decizjoni mill-imhallef f'seduta wahda. Huwa kompla li ir-Regjun kien qed ihejji is-sottomissjonijiet tieghu.

**3** **Gheluq tal-Laqgha u Aggornament**

**3.1.1** Il-Laqgha ntemmet fit-8.30 pm u giet aggoranata ghat-25 ta Gunju, 2015.

**Chev. Paul Farrugia**
**President**

**Joan Mangion**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum ta' 2015.